



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' April 2024
(OR. en)

8416/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0076(NLE)

POLCOM 130
FDI 36
ENER 161

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 142 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni u kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja, jew ikkontrollata minnhom u kull Investiment fis-sens tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li huwa Investiment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 142 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2024) 142 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2024
COM(2024) 142 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni u kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja, jew ikkontrollata minnhom u kull Investiment fis-sens tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li huwa Investiment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja

ANNESS

DIKJARAZZJONI

f'isem l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Istati Membri kollha li huma Partijiet Kontraenti għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

L-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Istati Membri kollha li huma Partijiet Kontraenti għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("TKE") b'dan jiċħdu l-vantaġġi tal-Parti III tat-TKE lil:

- (1) kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja jew ikkontrollata minnhom, u li ma għandha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fiż-Żona tal-Parti Kontraenti li fiha hija organizzata, skont l-Artikolu 17(1) tat-TKE; kif ukoll
- (2) kull Investiment fis-sens tat-TKE li huwa Investiment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja, skont l-ittra (b) tal-Artikolu 17(2) tat-TKE.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha adottaw u qed iżommu sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, kif ukoll kontra r-Repubblika tal-Belarussja bħala kompliċi f'din il-gwerra ta' aggressjoni. Is-sanzjonijiet jinkludu miżuri li (i) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' Investituri tal-Federazzjoni Russa u tar-Repubblika tal-Belarussja, u li (ii) jinkisru jew jiġu evitati jekk il-benefiċċji tal-Parti III tat-TKE jingħataw lil Investituri ta' dawk l-Istati jew lill-Investimenti tagħhom.